## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 202/2012: **EMANUELA SIVE' LILLIANA FARRUGIA (ID. 538671M) U FRANCO FARRUGIA (ID. 180673M) V. MICHAEL AXISA, LAYLAY CO LTD., GEORGE BARUN**

(TALBA GHAR-RISARĊIMENT TAD-DANNI ĠEWWA FOND MINHABBA XOGHOLIJIET ĠEWWA FONDI KONTIGWI – IL-KONKLUŻJONIJIET TA' PERITI MAHTURA MILL-QORTI MA' JORBTUX LILL-QORTI SABIEX TAĊĊETTAHOM KONTRA L-KONVINZJONI TAGHHA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Frar 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Emanuela sive' Lilliana Farrugia u Franco Farrugia ("ir-rikorrenti") ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2012 li permezz tiegħu talbu lill-Qorti tikkundanna lil Michael Axisa, Laylay Co. Ltd u George Barun (lkoll "l-intimati") jħallsuhom id-danni li kkaġunawlhom fil-fond tagħhom 116, Chez L'Amor, Triq Alessio Erardi, Żabbar, meta għamlu xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tħaffir fil-proprjetajiet adjaċenti, liema danni ma' jaqbżux is-somma ta' ħdax-il elf, erba' mija u tlettax-il euro (€ 11,413),

wara li rat ir-risposta ta' George Barun ("l-intimat Barun") ippreżentata fid-9 ta' Lulju 2012[1] li permezz tagħha rrisponda kif ġej:

*"1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

---

[1] Fol 6

*2. Illi minghajr pregudizzju u fil-meritu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-esponent ma kkawza l-ebda danni lill-atturi.*

*3. Illi minghajr pregudizzju wkoll id-danni fi kwalumkwe kaz qed jigu kontestati."*

wara li rat ir-risposta ta' Michael Axisa ("l-intimat Michael Axisa") u Laylay Co. Ltd ("il-kumpanija intimata") ippreżentata fl-10 ta' Lulju 2012 li permezz tagħha rrispondew kif ġej:

*"Illi l-pretensjonijiet ta' Emanuela sive Lilliana Farrugia et huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante illi x-xogholijiet ta' skavar imwettqa minn terzi fuq inkarigu tas-socjeta LayLay Company Ltd biswit il-propjeta' taghhom ilu li tlesta aktar minn hames snin u dana anke skond ma jixhed ir-rapport tal-Perit Catherine Galea illi sar wara li tlestew ixxogholijiet.*

*Illi Michael Axisa mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri stante illi x-xoghlijiet ta' skavar u sussegwenti kostruzzjoni twettqu mis-socjeta LayLay Company Limited.*

*Illi bla pregudizzju ghal dak su espost, l-allegazzjonijiet ta' Emanuela sive Lilliana Farrugia et huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi kif ser jirrizulta lampanti fil-mori tal-kawza, l-allegati hsarat fil-propjeta' ta' Emanuela sive Liliana Farrugia et, kienu diga esistenti qabel ma beda x-xoghol ta' skavar u dana anke skond ma jixhed il-pre excavation report redatt mill-Perit Catherine Galea A&CE."*

wara li rat li din il-Qorti diversement preseduta ddeċidiet din il-vertenza permezz tas-sentenza tagħha tat-8 ta' Frar 2018[2] kif ġej:

***'Tilqa l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat George Barun u tiddikjara l-azzjoni kontra tieghu hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,***

***Tilqa l-eċċezzjoni ta' Michael Axisa personalment fejn eċċepixxa illi ma kienx illeġittimu kontradittur u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju,***

***Tiċħad l-eċċezzjonijiet mressqa mis-soċjetà Lay Lay Company Limited.***

***Tiddikjara lis-soċjetà Lay Lay Company Limited responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti fejn jirrigwardaw il-bir w il-bieb ta' barra kif ukoll fil-ħitan, soqfa u madum tal-art tal-fond numru 116, Chez L'Amor, Triq Alessi Erardi, Zabbar u dana fil-kwoti kif ser jiġi hawn taħt stabbilit; u għalhekk***

[2]Fol. 285

***Tikkundanna lis-soċjetà Lay Lay Company Limited tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jistgħu jinkorru r-rikorrenti għat-tiswija tal-affarijiet segwenti u fil-kwoti segwenti:***

- ***l-ispejjeż kollha għat-tiswija tal-bir;***
- ***nofs l-ispejjeż għat-tiswija tal-bieb ta' barra;***
- ***nofs l-ispejjeż għat-tiswija tal-ħitan u soqfa kollha fil-fond tar-rikorrenti;***
- ***żewġt terzi ta' l-ispejjeż tat-tneħħija u tqegħid ta' madum ġdid tal-art fil-fond kollu tar-rikorrenti.***

***Spejjez kollha tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu kollha a kariku tas-soċjetà Lay Lay Company Limited, salv dawk ta' George Barun, illi għandhom jibqgħu a kariku tiegħu."***

wara li rat li l-kumpanija intimata appellat minn din is-sentenza permezz tar-rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2018,

wara li rat li l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) ddisponiet mill-appell permezz tas-sentenza tagħha mogħtija fit-18 ta' Diċembru 2018[3] kif ġej:

1. ***"Tiċħad l-ewwel u tieni aggravju.***
2. ***Tilqa' t-tielet u raba' aggravju.***
3. ***Tiċħad il-ħames aggravju.***
4. ***Tilqa' s-sitt aggravju.***
5. ***Tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-8 ta' Frar, 2018 fis-sens li tiddikjara li l-konvenuta hi responsabbli biss għal nofs l-ispejjeż għat-tiswija tal-ħsara fil-ħitan u soqfa kollha fil-fond 116, Chez l-Amor, Triq Alessi Erardi, Żabbar u terz tal-ispejjeż għat-tneħħija u tqegħid ta' madum ġdid tal-art fl-ewwel sular tal-istess fond, u dan sas-somma li ntalbet fir-rikors promotur.***
6. ***Tibgħat l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tillikwida d-danni li għandha tħallas l-appellanti lill-appellati, li m'għandhiex tkun iktar mis-somma li ntalbet fir-rikors promotur.***
7. ***Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti.***

***Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 70% a karigu tal-appellanti u 30% a karigu tal-appellati."***

[3] Fol 29 fil-proċess tal-appell li ġie allegat mal-atti ta' din il-kawża

wara li rat illi din il-kawża ġiet appuntata mill-ġdid quddiem din il-Qorti, diversement presjeduta, għall-21 ta’ Jannar 2019,

wara li rat illi l-partijiet, ossia’ r-rikorrenti appellati u l-kumpanija intimata appellanta ressqu l-provi rispettivi tagħhom fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tad-danni,

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta b’effett mill-10 ta’ Mejju 2019,

wara li rat illi fi-27 ta’ Mejju 2019 il-Qorti ħatret lill-Perit Reuben Sciortino sabiex jirrelata unikament dwar il-kwantum tad-danni wara li jevalwa x-xhieda diġa mogħtija u jisma’ jekk ikun hemm bżonn xhieda oħra in sostenn tal-istess provi,

wara li rat illi fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2019 il-Qorti rrevokat il-ħatra tal-Perit Reuben Sciortino u minfloku ħatret lill-Perit Daniel Scerri,

wara li rat illi fis-seduta tad-9 ta’ Marzu 2020 il-Qorti rrevokat il-ħatra tal-Perit Daniel Scerri u minfloku ħatret lill-Perit Joseph Ellul Vincenti,

wara li rat illi fis-seduta tal-14 ta’ Diċembru 2020 il-Qorti rrevokat il-ħatra tal-Perit Joseph Ellul Vincenti u minfloku ħatret lill-Perit Valerio Schembri,

wara li rat ir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri ppreżentata u maħlufa bil-ġurament fil-21 ta’ Ġunju 2021[4] flimkien mar-risposti tiegħu mogħtija għad-domandi magħmula lilu in eskussjoni,

wara li qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tax-xhieda u rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali magħmula għan-nom tal-kumpanija intimata appellanta mill-Avukat Louise Anne Pulis li ġiet ippreżentata fl-10 ta’ Jannar 2022,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Qabel xejn irid jingħad illi minn dakinhar illi l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) bagħtet lura din il-kawża lil din il-Qorti, l-funzjoni ta’ din l-istess Qorti ġiet ċirkoskritta għall-likwidazzjoni tad-danni dovuti lir-rikorrenti mill-kumpanija

[4] Fol 39 *et. seq.* tat-tielet volum tal-proċess

intimata Lay Lay Company Ltd konsistenti fl-ispejjeż għal dawk ix-xogħolijiet elenkati mill-Qorti tal-Appell u dan dejjem skond kif l-istess Qorti apporzjonat ir-responsabiltà bejn il-partijiet . Li jfisser dan illi din il-Qorti ma' tistax terġa tidħol fil-kwistjoni ta' jekk humiex dovuti xi danni lir-rikorrenti jew minn min huma dovuti id-danni. Il-Qorti ħasset il-bżonn li tiċċara dan il-punt għaliex f'iżjed minn okkażjoni waħda wara li l-kawża ġiet mibgħuta lura lilha, kemm parti u kemm oħra (partikolarment però l-kumpanija intimata permezz ta' xi mistoqsijiet li għamlet in eskussjoni lill-Perit maħtur mill-Qorti u anke permezz tal-affidavit mressaq quddiemu) ttentaw jerġgħu jiftħu beraħ il-mansjoni ta' din il-Qorti meta huwa ċar illi dan ma' jistax jsir.

**Ix-xogħolijiet li ġew elenkati mill-Qorti tal-Appell**

2. Il-Qorti tal-Appell elenkat ix-xogħolijiet segwenti li jridu jsiru sabiex tissewwa l-ħsara li saret fil-fond tar-rikorrenti:

    1. Xogħolijiet ta' riparazzjoni fil-ħitan u soqfa kollha fil-fond tar-rikorrenti

    2. Tneħħija u tqegħid ta' madum ġdid tal-art fl-ewwel sular tal-fond tar-rikorrenti

**Provi dwar id-danni**

3. Għal xi raġuni jew oħra fl-ewwel istanza r-rikorrenti baqgħu ma' ressqu l-ebda provi dwar l-ammont tad-danni sofferti minnhom u kien għalhekk illi l-Qorti tal-Appell apparti li biddlet is-sentenza ddeċidiet illi tibgħat l-atti lura lil din il-Qorti sabiex jinstemgħu l-provi f'dan ir-rigward.

4. Fis-7 ta' Marzu 2019, ir-rikorrenti ppreżentaw nota kontententi *"numru ta' stimi għal xogħlijiet ta' riparazzjoni u bdil ta' madum, madum ġdid u spejjeż anċillari kif ikkwotati minn numru ta' fornituri"*[5].

5. Fit-2 ta' Marzu 2021 il-kumpanija intimata ippreżentat l-affidavit tad-direttur tagħha Michael Axisa fil-kors ta' seduta li kienet saret quddiem il-Perit maħtur mill-Qorti, AIC Valerio Schembri.[6]

---

[5] Fol 7 – 20 tal-proċess (tieni volum)
[6] Fol 45 tal-proċess (tieni volum)

6. Fil-21 ta' Ġunju 2021 il-Perit Valerio Schembri ppreżenta bil-ġurament tiegħu r-relazzjoni tiegħu[7]. Dan ikkonkluda kif ġej:

***"Mill-fatti kollha li ġew a konjizzjoni tal-esponent u mill-konstatazzjonijiet li saru fuq il-post jidher illi:***

***01. A bażi tal-istima dettaljata annessa VS 0101 ma' dan ir-rapport il-Perit Tekniku jistma l-quantum tad-danni fis-somma ta' €10,198.15 (għaxart elef mija tmienja u disgħin Euro u ħmistax-il ċenteżmu)"***

7. L-istima mmarkata VS 0101 telenka s-segwenti xogħolijiet:

| Item | Description | Qty | Unit | Rate | Amount |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | € | € |
| 01 | Tneħħija ta' madum eżistenti (inkluż ġarr u rimi) | 115 | sqm | 6.50 | 747.50 |
| 02 | Tqegħid ta' madum 60x60 (inkluż materjal tat-tqegħid u livellar fejn meħtieġ) | 115 | sqm | 20 | 2300 |
| 03 | Xiri tal-madum 60x60 gres inkluż skirting | 125 | sqm | 20 | 2500 |
| 04 | Qtugħ ta' skirting inkluż mgħoddija ta' xfar | 100 | m | 3.50 | 350 |
| 05 | Qlugħ tal-iskirting eżistenti (inkluż ġarr u rimi) | 100 | m | 1 | 100 |
| 06 | Tindif u tikħil fejn meħtieġ u żebgħa | 430 | sqm | 4 | 1720 |
| 07 | Bdil ta' coving fl-ewwel sular-intrata | 1 | l.s. | 175 | 175 |
| 08 | Ċaqliq ta' għamara inkluż żarmar u armar fejn meħieġ | 1 | l.s. | 750 | 750 |
| | | | | | |
| | | Sub-total | | | 8642.50 |
| | | VAT 18% | | | 1555.65 |
| | | Grand Total | | | 10198.15 |

8. Fir-risposti tiegħu mogħtija għad-domandi magħmula lilu in eskussjoni mill-partijiet il-Perit Tekniku *inter alia* spjega illi fuq il-post huwa ma' ħax qisien iżda bħala kejl huwa straħ fuq dak li huwa elenkat fl-istimi ppreżentanti mir-rikorrenti fin-nota tagħhom ippreżentata fis-7 ta' Marzu 2019. Inoltre kkonferma illi d-danni

[7] Fol 39 *et. seq.* tat-tielet volum tal-proċess

kwantifikati minnhu jirrappreżentaw *"**stima tax-xogħol kollu li jeħtieġ jsir**"*[8]. Fi kliem ieħor l-ammont ikkwantifikat mill-Perit mhuwiex l-ammont li skond hu għandhom jitħallsu mill-kumpanija intimata iżda l-ammont tal-ispejjeż tax-xogħolijiet KOLLHA li għandhom bżonn isiru fil-fond tar-rikorrenti.

**Kunsiderazzjonijiet**

9. Għalkemm il-Qorti mhijiex marbuta li toqgħod għall-fehmiet ta' perit maħtur minnha kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha (ara Art. 681 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) , madanakollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli.[9]

10. Kif ġie ritenut bosta drabi mill-Qrati tagħna, il-konklużjonijiet milħuqa minn Perit maħtur mill-Qorti huma bħal materjali istruttorji oħrajn li jkunu kontrollabbli mill-ġudikant, tant li kif jingħad fl-Artikolu 681 tal-Kap. 12 il-Qorti mhijiex marbuta li taċċetta dawn il-konklużjonijiet kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha. Però, kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Philip Grima v. Carmelo Mamo et noe** (29 ta' Mejju 1998) mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) *"dan ma jfissirx ... illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l- aspett tekniku tal-materja taht ezami"*. Dan ifisser illi l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjonijiet ma kienux gusti u korretti. Din il-konvinzjoni pero' trid tkun waħda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.

11. Wara li kellha opportunita' tara mill-ġdid ir-relazzjoni in kwistjoni, il-Qorti ma' ssib xejn x'tiċċensura jew x'tiddubita mill-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit Tekniku maħtur minnha.

12. Il-kumpanija intimata targumenta fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha illi fl-elenku tax-xogħolijiet mħejji mill-Perit Valerio Schembri hemm inkluż affarijiet/xogħolijiet li l-Qorti tal-Appell ma' ordnatx li għandha tħallas għalihom, ċioe: *"ix-xiri tal-madum, il-qlugħ tal-iskirting eżistenti u qtugħ ta' skirting ġdid, bdil tal-coving tal-entrata u ċ-ċaqliq tal-għamara".*

---

[8] Fol 60-61 tal-proċess (tieni volum)
[9] Ara fost oħrajn is-sentenza App. Ċiv. 23.6.1967 fl-ismijiet **Bugeja et v. Muscat et** (Kollez. Vol: LI.i.389)

13. Minn qari tas-sentenza jidher li l-Qorti tal-Appell ma' daħlitx fid-dettal ta' dawk ix-xogħolijiet neċessarji għat-tneħħija u tqegħid ta' madum ġdid tal-art fl-ewwel sular tal-fond tar-rikorrenti. Filfatt f'dan ir-rigward kull m'għamlet il-Qorti tal-Appell kienet illi kkonfermat il-kundanna tal-kumpanija intimata sabiex tagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż iżda biddlet id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fis-sens illi l-intimata għandha toħroġ terz minflok żewġ terzi u li madum tal-art li jrid jinbidel huwa dak tal-ewwel sular biss u mhux tal-fond kollu.

14. Lanqas ma' jidher illi l-Ewwel Qorti kienet daħlet f'xi dettal partikolari dwar dawn ix-xogħolijiet u dan probabbilment għaliex fl-ebda stadju ma' kien hemm xi tentattiv sabiex jiġu kkwantifikati l-ispejjeż. Li hu żgur però huwa illi l-Qorti inkorporat fis-sentenza tagħha dak li rrelata fuqu l-Perit Tekniku maħtur minnha, ċioe l-Perit Edgar Rossignaud, liema perit iddikjara *inter alia* fir-relazzjoni tiegħu illi

***"Izda, f'dan il-kaz, l-ikbar hsara li giet innutata hija kwantita ta' qsim sporadiku li gara fil-madum ta' l-art ta' din maisonette, min naha ta' wara tal-kcina sal kamra tas salott ta' quddiem, u liema hsara tidher li qeghda dejjem tizdied. Dan ifisser li l-uniku rimedju ghal-din il problema hu li jinqala l-madum kollu u jerga jsir madum gdid ekwivalenti ghal-dak li jinqala"***

15. Il-Qorti tqis pwerili l-argument tal-intimata illi l-Qorti tal-Appell ma' ordnatx li hija għandha tagħmel tajjeb għax-xiri tal-madum. Huwa ovvju illi meta l-Qorti tal-Appell ordnat "***it-tneħħija u tqegħid ta' madum ġdid tal-art"*** hija kienet qed tinkludi ukoll ix-xiri tal-madum ġdid. L-interpretazzjoni tal-intimata fis-sens illi hija għandha tinżamm responsabbli biss għax-xogħolijiet u mhux għax-xiri tal-madum innifsu hija waħda illoġika u li m'hijiex sorretta mill-provi miġbura matul din il-kawża.

16. Fir-rigward tal-iskirting il-Qorti tqis illi dan huwa parti integrali mill-madum tal-art u li ma' jistax jinqala u jiġi mibdul il-madum mingħajr ma' jinqala u jiġi mibdul l-iskirting. Dawn l-ispejjeż huma min-natura tagħhom anċillari għall-ispejjeż tal-qlugħ u tqegħid ta' madum ġdid kif ordnat mill-Qorti tal-Appell.

17. Fir-rigward tal-*coving* tal-entrata l-Qorti tal-Appell ordnat li jsiru xogħolijiet ta' riparazzjoni fil-ħitan u soqfa kollha fil-fond tar-rikorrenti. Anke hawnhekk Il-Qorti tqis illi kull fejn sar il-*coving* huwa ukoll parti integrali mill-ħitan u s-soqfa u għalhekk għandu jitqies bħala li jaqa' taħt ix-xogħolijiet ta' riparazzjoni msemmija.

18. F'dak li għandu x'jaqsam iċ-ċaqliq tal-għamara l-Qorti għal darb' oħra tħoss illi dawn huma spejjeż li ta' bilfors jridu jsiru waqt il-pendenza tax-xogħolijiet ta' riparazzjoni fil-fond tar-rikorrenti u għalhekk ikun ġust illi dawn jitqiesu bħala li jagħmlu parti mill-ispejjeż meħtieġa.

19. Għalhekk il-Qorti tara li l-ispejjeż kwantifikati mill-Perit Valerio Schembri għandhom jiġu apporzjonati kif ġej fid-dawl ta' dak deċiż mill-Qorti tal-Appell:

| **Item** | **Description** | **Amount incl. VAT** | **Share of respondent** | **Amount incl. VAT due by respondent** |
|---|---|---|---|---|
| | | **€** | **€** | **€** |
| 01 | Tneħħija ta' madum eżistenti (inkluż ġarr u rimi) | 882.05 | 1/3 | 294.02 |
| 02 | Tqegħid ta' madum 60x60 (inkluż materjal tat-tqegħid u livellar fejn meħtieġ) | 2714 | 1/3 | 904.66 |
| 03 | Xiri tal-madum 60x60 gres inkluż skirting | 2950 | 1/3 | 983.33 |
| 04 | Qtugħ ta' skirting inkluż mgħoddija ta' xfar | 413 | 1/3 | 137.67 |
| 05 | Qlugħ tal-iskirting eżistenti (inkluż ġarr u rimi) | 118 | 1/3 | 39.33 |
| 06 | Tindif u tikħil fejn meħtieġ u żebgħa | 2029.60 | 1/2 | 1014.80 |
| 07 | Bdil ta' coving fl-ewwel sular-intrata | 206.50 | 1/2 | 103.25 |
| 08 | Ċaqliq ta' għamara inkluż żarmar u armar fejn meħieġ | 885 | 1/2 | 442.50 |
| | | | | |
| | | | **GRAND TOTAL** | **€ 3919.56** |

20. Finalment f'dawk li għandu x'jaqsam l-ispejjeż ta' din il-kawża, il-kumpanija intimata saħqet fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha illi *"l-proċeduri odjerni ittawlu inutilment minħabba nuqqas tal-atturi illi jippreżentaw prospett tad-danni fl-istadju tal-provi tagħhom u għalhekk m'għandhomx ibatu l-ispejjeż ta' din il-kawża".*

21. Huwa ċar illi l-kwistjoni tal-ispejjeż relatati mal-proċeduri quddiem din il-Qorti fl-istadju ta' qabel ma' ġiet appellata s-sentenza, hija waħda li din il-Qorti ma' tistax tidħol iktar fiha ġaladarba l-Qorti tal-Appell ma' ddisturbatx u kwindi ikkonfermat dak li kienet iddeċidiet l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. L-Ewwel Qorti filfatt kienet iddeċidiet illi: *"spejjez kollha tal-proċeduri **odjerni*** (emfasi miżjuda) *għandhom ikunu kollha a kariku tas-soċjeta Lay Lay Company Limited, salv dawk ta' George Barun, illi ghandhom jibqu a kariku tieghu."*

22. F'dak li għandhom x'jaqsam l-ispejjeż ta' din il-kawża mill-istadju tar-riappuntament tagħha quddiem din il-Qorti 'l quddiem, ikun xieraq illi dawn jiġu ssopportjati kwantu għal terz mill-kumpanija intimata u żewġ terzi mir-rikorrenti.

**Deċiżjoni**

23. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi:**

1. **tillikwida d-danni kkaġunati mill-kumpanija intimata LayLay Co Ltd. fil-fond tar-rikorrenti 116, Chez L'Amor, Triq Alessio Erardi, Żabbar, fis-somma ta' tlett elef disa' mija u dsatax-il euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€ 3,919.56),**

2. **tikkundanna lill-istess kumpanija intimata tħallas dan l-ammont lir-rikorrenti bl-imgħaxijiet legali dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.**

3. **Fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-proċeduri odjerni minn meta l-kawża ġiet mibgħuta lura lil din il-Qorti, dawn għandhom jitħallsu kwantu għal terz mill-kumpanija intimata u żewġ terzi mir-rikorrenti.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur